MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru 334/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
JOSEF AGELI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Josef Ageli, ta’ 28 sena, iben Farag Erhoma u Rosina nee’ Buhagiar, imwieled Pieta’ nhar it-24 ta’ Jannar 1980 u li joqghod ‘Block W’, Flat 2, Triq il-Jum, Marsa, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 88280(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-11 t’April 2008 ghall-habta ta’ xi 18:00hrs gewwa Triq il-Jum, Marsa; volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni RTF 587 tal-marka Opel Corsa, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57 Euro (mija u sittax-il Euro u hamsa u sebghin

centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69 Euro (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa u sittin centezmu) ghad dannu ta’ Lionella Grech u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Giuseppe Agius u tapplika l-provvediment ta’ Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-waqt li nesebixxi estratt mill-Att tat-twelid u l-fedina penali tal-imsemmi Josef Ageli nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputat (fol.6), sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Semghat il-konferma ta’ l-istess imputat wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Josef Ageli, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikolu 325 (b) Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 22 Kap.446, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xuhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa ‘a first offender’, illi l-imputat hallas il-penenzi kollha illi kellu mal-kwerelanti fil-mori tal-kawza u minhabba l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------